FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR: DR JOSEPH REFALO LL.D. Adv.Trib.Eccl.Melit,

## Seduta ta' nhar it-Tlieta, 9 ta' Ottubru, 2001

**Numru 14**

**Avviz. numru 868/01JR**

**Louis Pisani bhala Principal u fl-interessi ta' San Anton School**

**vs**

**Paul u Josianne konjugi Degaetano**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fit-3 ta' Settembru, 2001, fejn intalab il-hlas ta' erba' mija u tmienja u disghin lira Maltija disgha u sittin centezmu (Lm498.69), flimkien ma' l-imghax mid-data ta' l-ittra ufficjali tat-2 t'Awissu, 2001, ammont dovut in konnessjoni ma' servizzi edukattivi resi f'San Anton School ghall-uliedhom minuri Philip u Rebecca Degaetano ghas-sena skolastika 2000-2001.**

**Bl-ispejjez komprizi dawk ta' l-ittra ufficjali u bl-ingunzjoni tal-konvenut ghas-subizzjoni.**

**Ra li l-konvenuti baqghu ma dehrux u lanqas ma pprezentaw risposta fir-rigward.**

**Ra n-nota ta' cessjoni prezentata mill-attur noe fit-2 t'Ottubru, 2001, li biha ceda s-sorte pero` nzamm ferm il-kap ta' l-ispejjez.**

**Ghaldaqstant it-Tribunal filwaqt illi jastjeni milli jiehu konjizzjoni ulterjuri dwar is-sorte, jikkundanna lill-konvenuti jhallsu l-ispejjez ta' dina l-istanza.**

**Dr Joseph Refalo**

**GUDIKATUR**